

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2009

P7_TA(2011)0023

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2011 dwar ir-Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2009 (2010/2137(INI))

(2012/C 136 E/13)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2009 (COM(2010)0282) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li huwa mehmuż mar-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2009 (SEC(2010)0666),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament KE dwar il-Mergers) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2008 dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti ⁽³⁾ (il-Komunikazzjoni Bankarja),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux mistħoqqa ⁽⁴⁾ (il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2009 dwar it-trattament ta' assi indeboliti fis-settur bankarju tal-Komunità ⁽⁵⁾ (il-Komunikazzjoni dwar Assi Indeboliti),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2009 dwar ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat ⁽⁶⁾ (il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar), b'dawn l-aħħar erba' Komunikazzjonijiet minn issa 'l quddiem imsemmija flimkien bħala "l-erba' Komunikazzjonijiet għas-settur finanzjarju",
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali ⁽⁷⁾ (il-Qafas Temporanju),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Frar 2009 bit-titolu "Linji gwida dwar il-prijoritajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 82 tat-Trattat KE għal imġiba esklużjonarja abbużiva minn impriżi dominanti" ⁽⁸⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU C 72, 26.3.2009, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU C 195, 19.8.2009, p. 9.

⁽⁷⁾ ĠU C 16, 22.1.2009, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU C 45, 24.2.2009, p. 7.

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

- wara li kkunsidra l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Kodiċi tal-Aħjar Prattika għat-tmexxija tal-proċeduri ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat ⁽¹⁾, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti tipi ta' għajnuna mill-Istat ⁽²⁾ u l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat mill-qrati nazzjonali ⁽³⁾ (il-Pakkett ta' Simplifikazzjoni),
 - wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra t-Tabelli ta' Valutazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat għar-Rebbiegħa 2009 (COM(2009)0164), għall-Ħarifa 2009 (COM(2009)0661) u għar-Rebbiegħa 2010 (COM(2010)0255),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Marzu 2009 dwar ir-Rapporti dwar il-politika tal-kompetizzjoni għall-2006 u l-2007 ⁽⁵⁾ u tad-9 ta' Marzu 2010 dwar ir-Rapport dwar il-Politika dwar il-Kompetizzjoni 2008 ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa ⁽⁷⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Parlament tad-19 ta' Frar 2008 dwar l-investigazzjoni u r-rimedju tal-abbuż ta' poter minn supermarkets kbar li joperaw fl-Unjoni Ewropea ⁽⁸⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumaturi u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0374/2010),
- A. billi ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-kriżi finanzjarja u ekonomika ta' dawn l-aħħar sentejn qajmu l-ħtieġa għal miżuri eċċezzjonali; billi l-isforzi tal-Kummissjoni għenu sabiex jiġu stabilizzati s-swieq finanzjarji filwaqt li fl-istess ħin tiġi mħarsa l-integrità tas-Suq Uniku,
- B. billi, fi żminijiet ta' kriżi, huwa essenzjali li tiġi żgurata l-istabilità finanzjarja, jerġgħu jiġu stabbiliti l-flussi tal-kreditu u tiġi rrimformata s-sistema finanzjarja biex is-swieq jaħdmu sewwa, u billi r-regoli dwar il-kompetizzjoni għandhom għalhekk jiġu applikati b'mod flessibbli imma strett,
- C. billi l-protezzjoniżmu u n-nuqqas ta' infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni jservu biss biex japprofondixxu l-kriżi u jtawluha,
- D. billi l-politika tal-kompetizzjoni hija għodda essenzjali biex tgħin lill-UE jkollha suq intern dinamiku, effiċjenti u innovattiv, u biex tkun kompetittiva fix-xena dinjija, kif ukoll biex tegħleb il-kriżi finanzjarja,
- E. billi l-iżbilanċi tal-baġit li qed jikbru u l-livelli tad-djun pubbliċi li qed jogħlew f'bosta Stati Membri jistgħu jkomplu jżommu lura l-pass tal-irkupru ekonomiku u tat-tkabbir ekonomiku għal snin sħaħ,
- F. billi l-gvernijiet tal-Istati Membri, bħala reazzjoni għall-kriżi ekonomika, taw ammont konsiderevoli ta' għajnuna statali fil-forma, pereżempju, ta' skemi ta' garanzija, skemi ta' rikapitalizzazzjoni u forom komplementari ta' għajnuna flikwidità fuq iffinanzjar bankarju; billi dawn il-miżuri pprovdew lill-banek b'sors sinifikattivi ta' ffinanzjar u ta' assigurazzjoni kontra r-riskji li normalment is-settur finanzjarju jiffaċċja,
- G. billi l-analiżijiet empiriċi jissuġġerixxu li din l-għajnuna statali ġġenerat għadd ta' effetti u distorsjonijiet, bħalma huwa tnaqqis tal-marġni tal-bonds privati, li jeħtieġ li jitqiesu meta tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-għajnuna jew meta r-regoli eċċezzjonali fis-seħħ jiġġeddu għal żmien itwal,

⁽¹⁾ ĠU C 136, 16.6.2009, p. 13.⁽²⁾ ĠU C 136, 16.6.2009, p. 3.⁽³⁾ ĠU C 85, 9.4.2009, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 43.⁽⁶⁾ ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 16.⁽⁷⁾ ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 180.⁽⁸⁾ ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 23.

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

- H. billi l-governanza fiskali hija fattur importanti għaż-żamma ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-kompetizzjoni, u għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern,
- I. billi l-kompetizzjoni għadha mhix perfetta fis-settur tal-enerġija, fil-produzzjoni agrikola u f'setturi oħrajn,
- J. billi l-iżvilupp b'suċċess tal-SMEs f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni hiela huwa wieħed mill-aktar prekondizzjonijiet essenzjali biex tingħeleb b'mod effikaċi l-kriżi finanzjarja,

Kummenti ġenerali

1. Jilqa' r-Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2009;
2. Huwa sodisfatt jinnota li l-Kummissjoni mal-ewwel irreaġixxiet għall-kriżi; jifraħ lill-Kummissjoni għall-użu effettiv tagħha tal-miżuri dwar il-politika tal-kompetizzjoni f'ċirkostanzi eċċezzjonali;
3. Ikompli jappoġġa rwol aktar attiv għall-Parlament fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni permezz tal-introduzzjoni ta' rwol ta' koleġiżlazzjoni; jitlob li l-Parlament jiġi infurmat regolarment b'kull inizjattiva f'dan il-qasam;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex għal darb'oħra, bħala l-unika awtorità kompetenti għall-kompetizzjoni fl-UE kollha, tirrapporta fid-dettall u kull sena lill-Parlament dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament u biex tispjega kull diverġenza mir-rakkomandazzjonijiet li jkun għamel il-Parlament; jinnota li t-tweġiba mill-Kummissjoni għar-Rapport tal-Kompetizzjoni tal-Parlament għall-2008 hija sempliċi sommarju tal-azzjonijiet li ttieħdu, u ma ttiprovdi l-ebda għarfien dwar l-effikaċja tal-miżuri;
5. Jenfasizza li politika tal-kompetizzjoni tal-UE bbażata fuq il-prinċipji ta' swieq miftuħa u kundizzjonijiet ugwali fis-setturi kollha hija l-pedament ta' suq intern ta' suċċess u prekondizzjoni għall-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli u bbażati fuq l-għarfien;
6. Jenfasizza s-sejħiet tiegħu għall-konsistenza bejn il-politiki u l-prijoritajiet kollha tal-UE inklużi fl-istrateġija 2020 tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi; jenfasizza li dan huwa ta' importanza speċjali fir-rigward tal-politika tal-kompetizzjoni;
7. Jisħaq fuq l-importanza tas-servizzi ta' interess ġenerali biex jintlaħqu l-ħtiġijiet bażiċi tal-pubbliku; jitlob lill-Kummissjoni tqis il-qafas provdut mit-Trattat ta' Lisbona meta tkun qiegħda tikkonkludi l-ħidma tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u jitlob biex ikun involut mill-qrib fis-segwitu tal-Kummissjoni għall-konsultazzjoni miftuħa dwar ir-regoli tal-għajnuna statali għas-Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali;
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jitfasslu regoli tal-kompetizzjoni ċari li jkunu ta' għajnuna u utli għall-SMEs;
9. Jirrimarka li l-SMEs huma partikolarment importanti għall-ekonomija Ewropea kollha kemm hi; jenfasizza, barra minn hekk, il-potenzjal kbir ta' innovazzjoni tal-SMEs u jtenni t-talba preċedenti tiegħu lill-Kummissjoni biex tinkludi kapitolu ddedikat li jiffoka fuq kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta u mhux diskriminatorja għall-SMEs;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu minn nies esperti indipendenti u affidabbli għall-valutazzjonijiet u l-istudji meħtieġa għall-iżvilupp tal-politika tal-kompetizzjoni; iħeġġiġha tippubblika r-riżultati tagħhom;
11. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-Artikolu 12 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistipula li "fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika u attivitajiet oħra tal-Unjoni għandu jingħata kont tal-ħtiġijiet tal-ħarsien tal-konsumatur", jiġi implimentat f'leġiżlazzjoni tas-suq intern fil-ġejjieni;
12. Jitlob li l-Kummissjoni fir-rapport annwali tagħha tesponi b'aktar qawwa l-vantaġġi tal-kompetizzjoni għall-konsumaturi;

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

13. Jilqa' b'interess ir-Rapport dwar il-funzjonament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, ippreżentat mill-Kummissjoni ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u, filwaqt li jaqbel li huwa pedament fil-proċess tal-modernizzazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni u tal-koordinament tal-azzjoni mill-UE u mill-awtoritajiet nazzjonali, jinnota l-ħtieġa li jingħelbu d-differenzi ta' opinjoni rigward it-twaqqif tal-prijoritajiet, l-aspetti importanti tal-iżvilupp tal-politika tal-kompetizzjoni u l-funzjonament tas-sistemi ta' kooperazzjoni sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni aktar effikaċi;

14. Jisħaq fuq il-ħtieġa tal-iżvilupp ta' sinerġiji bejn il-politika tal-kompetizzjoni u dik tal-ħarsien tal-konsumatur, inkluż permezz tal-ħolqien ta' forma ta' rimedju kollettiv Ewropew għall-vittmi individwali tal-vjollazzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, ibbażata fuq il-prinċipju ta' parteċipazzjoni fakultattiva (opt-in) u filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2009 li tistipula li l-kumpens għandu jitħallas biss lill-grupp ta' persuni identifikat jew lil persuni nnominati minnhom għad-danni li jkunu effettivament baw; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-modi kif mekkaniżmu bħal dan ikun jista' jiġi inkorporat fis-sistemi legali nazzjonali eżistenti;

15. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' April 2007 dwar il-Green Paper dwar azzjonijiet ta' riżarċiment tad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust ⁽¹⁾ u jenfasizza li l-proposta leġiżlattiva pendenti fir-rigward tiegħu għandha tinkludi l-kontenut tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-26 ta' Marzu 2009 dwar il-White Paper: Azzjonijiet ta' riżarċiment tad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust ⁽²⁾; jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tippromovi leġiżlazzjoni, mingħajr ma ddgħajjifha b'mod li ma jkunx meħtieġ, biex tiffaċilita talbiet individwali u kollettivi għal kumpens effettiv għal danni li jirriżultaw minn ksur tal-liġi tal-antitrust tal-UE; leġiżlazzjoni bħal din għandha tkun ta' natura transsettorjali, tevita l-eċċessi tas-sistema tal-Amerika ta' Fuq u tiġi adottata bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja (kodeċizzjoni);

16. Jenfasizza li appoġġa t-talba tal-Kummissjoni biex jiġu allokat iktar riżorsi għall-persunal tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni fil-baġit tal-2011; jitlob li jiġi mgħarraf dwar kif ikunu ntużaw ir-riżorsi addizzjonali; ifakkar fit-talba tiegħu biex persunal attwali tal-Kummissjoni jerġa' jiġi assenjat lill-kompetenzi ewlenin tal-Kummissjoni;

17. Jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' politika tal-kompetizzjoni li jkollha suċċess u l-funzjonament bla restrizzjonijiet tas-suq intern huma prekondizzjonijiet essenzjali għal tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-Unjoni Ewropea;

18. Jenfasizza li l-isforzi attwali favur il-konsolidament fiskali u l-irkupru sostenibbli għandhom jintużaw mill-Istati Membri biex isir progress biex ikun hemm kundizzjonijiet fiskali aktar ugwali;

19. Iqis li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni u r-rinforz ta' standards miftuħa u tal-interoperabilità biex jiġi evitat li jkun hemm irbit teknoloġiku tal-konsumaturi u tal-klijenti ma' minoranza ta' parteċipanti fis-suq;

Kapitolu ta' Approfondiment: Il-Politika tal-Kompetizzjoni u l-Kriżi Finanzjarja u Ekonomika

20. Jilqa' r-regoli temporanji dwar l-għajuna mill-Istat bħala reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u ekonomika, li huma l-erba' Komunikazzjonijiet għas-settur finanzjarju u l-Qafas Temporanju dirett lejn is-setturi l-oħra; jinnota l-estensjoni għal sena oħra tal-applikazzjoni tal-miżuri temporanji dwar l-għajnuna statali;

21. Huwa mħasseb dwar il-fatt li dawn il-miżuri, li huma temporanji fin-natura, finalment jistgħu ma jirriżultawx daqstant temporanji; jisħaq fuq il-ħtieġa li jieqfu l-miżuri u l-eżenzjonijiet temporanji mill-aktar fis, b'mod partikolari fis-settur awtomotiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi ċarezza dwar il-kriterji ta' tmiem gradwali li se jintużaw biex tittieħed deċiżjoni dwar l-estensjoni possibbli tagħhom;

22. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tqis jekk il-qafas temporanju eżistenti hux qiegħed jagħti kontribut reali biex jiġu żgurati l-istess kundizzjonijiet fl-Unjoni kollha u jekk l-applikazzjoni b'diskrezzjoni tal-qafas hijiex qiegħda tagħti l-aħjar riżultat f'dan ir-rigward;

23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħejji valutazzjoni dettaljata tad-deċiżjonijiet adottati fil-qafas tal-applikazzjoni tal-miżuri temporanji dwar l-għajnuna statali bi tweġiba għall-kriżi ekonomika u finanzjarja, filwaqt li tqis l-ambitu u l-grad ta' trasparenza u konsistenza tal-miżuri differenti li huma bbażati fuq il-qafas, u biex tehmeż din il-valutazzjoni mar-rapport annwali li jmiss tagħha dwar il-kompetizzjoni;

⁽¹⁾ ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 653.

⁽²⁾ ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 161.

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

24. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippubblika, fl-2010, rapport komprensiv dwar l-effikaċja tal-ghajjnuna statali mogħtija għall-'irkupru aħdar' u l-ghajjnuna statali għall-ħarsien tal-ambjent;
25. Jenfasizza l-hteġa li terġa' tingħieb fl-istat li kienet fih il-pożizzjoni kompetittiva tal-istituzzjonijiet finanzjarji li ma rrikorrewx għar-regoli temporanji dwar l-ghajjnuna statali;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-banek iħallsu lura l-ghajjnuna statali hekk kif jirkupra s-settur finanzjarju, biex b'hekk jiżguraw kompetizzjoni ġusta fis-suq intern u kundizzjonijiet ta' ħruġ ugwali għal kulħadd;
27. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiċċara l-miżuri vinkolanti ta' ristrutturar marbuta ma' effetti potenzjali ta' distorsjoni li jirriżultaw f'differenzi fil-kundizzjonijiet tal-ħlas lura bejn l-Istati Membri;
28. Jenfasizza madankollu li l-konsolidament li għaddej bħalissa fis-settur bankarju fil-fatt żied is-sehem tas-suq ta' bosta istituzzjonijiet finanzjarji kbar, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni żżomm għajnejha fuq is-settur biex issaħħaħ il-kompetizzjoni fis-swieq bankarji Ewropej, anke bi pjanijiet ta' ristrutturar li jehteġu s-separazzjoni ta' attivitajiet bankarji f'każijiet meta d-depożiti tal-konsumaturi jkunu ntużaw għal sussidji trasversali għal attivitajiet bankarji ta' investiment li jinvolvu riskju ikbar;

Eżami tar-regoli temporanji tal-ghajjnuna statali adottati b'reazzjoni għall-kriżi

29. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tipproduċi studju li juri l-impatt tal-miżuri ta' ghajjnuna statali fuq l-ekonomija;
30. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament analiżi dettaljata tal-impatti li l-ghajjnuna statali kellha fuq il-kompetizzjoni matul il-kriżi;
31. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-impatt komprensiva bħal din, timplimenta miżuri korrettivi fejn ikun meħtieġ biex tiżgura kundizzjonijiet ugwali fis-suq uniku;
32. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi dettaljata tal-konsegwenzi tal-mekkaniżmi riveduti tal-ghajjnuna statali adottati b'reazzjoni għall-kriżi, fir-rigward tal-kompetizzjoni u ż-żamma ta' kundizzjonijiet ugwali fl-UE, ir-riformi finanzjarji u l-ħolqien tal-impjiegi;
33. Jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw b'mod attiv mal-Kummissjoni fl-iżvilupp u l-valutazzjoni tar-regoli temporanji stabbiliti b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u ekonomika billi jipprovdu rapporti f'waqthom u dettaljati dwar l-implimentazzjoni u l-effikaċja tagħhom; ihegġegħ lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ta' kif jaħdmu u tfassal studju dwar l-impatt tal-miżuri meħuda minn pajjiżi terzi fuq l-Unjoni Ewropea;
34. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura livell massimu ta' trasparenza u tikkonforma strettament mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fl-approvazzjoni tal-ghajjnuna statali u fl-adozzjoni ta' miżuri ta' ċessjoni;
35. Jitlob lill-Kummissjoni tipproduċi studju li jistharregħ l-impatt li jista' jkollha l-ghajjnuna tal-BĊE fir-rigward tal-likwidità għal dik li hi distorsjoni tal-kompetizzjoni;
36. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib il-massa monetarja M3 fir-rigward tal-ghajjnuna statali li ġiet approvata biex jiġi evitat li jkun hemm kapitalizzazzjoni żejda mhux intenzjonata tal-kumpaniji, xi ħaġa li sussegwentement tgħawweġ il-kompetizzjoni;

Il-kontroll tal-ghajjnuna statali

37. Jinnota li l-politika dwar l-ghajjnuna statali hija parti integrali mill-politika tal-kompetizzjoni u li l-kontroll tal-ghajjnuna statali jirrifletti l-hteġa li jinżammu kundizzjonijiet ugwali għall-impriżi kollha li jkunu qed iwettqu attivitajiet fis-suq uniku Ewropew;

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

38. Jenfasizza li huwa importanti li l-Kummissjoni tissorvelja l-użu tal-għajnuna statali sabiex jiġi żgurat li dawn l-arranġamenti ta' appoġġ ma jintużawx biex jipproteġu l-industriji nazzjonali b'mod li jagħmel ħsara lis-suq intern u lill-konsumaturi Ewropej;
39. Iqis li huwa essenzjali li meta ssir l-evalwazzjoni ta' jekk l-għajnuna statali tkunx kompatibbli mat-Trattat, jinstab bilanċ ġust bejn l-effetti negattivi tal-għajnuna statali fuq il-kompetizzjoni u l-finanzi pubbliċi u l-effetti pożittivi tagħha f'termini ta' interessi komuni;
40. Jitlob għall-ħolqien ta' kriterji ċari għaċ-ċessjonijiet, fil-kunsiderazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-kumpaniji kkonċernati li żmien medju, jiġifieri fuq it-tkabbir, l-innovazzjoni u l-impjiegi kif ukoll rigward it-tnaqis fis-sehem ta' dawn il-kumpaniji fis-suq dinji;
41. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tispezzjona bir-reqqa s-sistemi li hemm fis-seħħ f'ċerti Stati Membri li jikkonċernaw għajnuna fiskali statali, biex jeżaminaw in-natura nondiskriminatorja u trasparenti tagħhom;
42. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tikkostitwixxi u ssaħħa l-unità tagħha għall-għajnuna fiskali statali;
43. Iqis li sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tidentifika aħjar is-sistemi ta' kompetizzjoni fiskali li jagħmlu ħsara, huwa essenzjali li d-deċiżjoni dwar in-notifikazzjoni awtomatika tad-deċiżjonijiet dwar it-taxxa meħuda fl-2002 mill-grupp ta' ħidma għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE għat-tassazzjoni tan-negozji (dokument tal-Kunsill 11077/02) jiġu implimentati għalkollox mill-Istati Membri;
44. Jinnota bi tħassib li l-irkupru ta' għajnuna illegali mill-Istati jibqa' proċess twil u kumpless; ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tissikka l-proċeduri u tibqa' tagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li jiksru l-liġi ripetutament;
45. Ihegġegħ lill-Kummissjoni teżamina kemm allokazżjoni ġeneruża wisq ta' permessi b'xejn ta' EUA (Kwoti ta' Emissionijiet tal-Unjoni Ewropea) f'ċerti setturi tista' tgħawweġ il-kompetizzjoni, meta jitqies li dawn il-permessi, li l-effiċjenza tagħhom naqset minn meta naqset ir-rata tal-attività ekonomika, iġġeneraw profitti mhux mistennija għal ċerti kumpaniji filwaqt li naqqsu l-inċentivi li jagħtu s-sehem tagħhom fit-tranżizzjoni għal ekonomija ekoeffiċjenti;
46. Jenfasizza li l-għajnuna statali għandha primarjament tkun indirizzata biex tippromwovi proġetti b'interess komuni fl-Unjoni bħall-introduzzjoni tal-infrastrutturi tal-broadband u tal-enerġija;
47. Jilqa' bi pjaċir l-adozzjoni tal-Linji Gwida dwar in-netwerks tal-broadband li jkopru l-għajnuna statali għal netwerks bażiċi tal-broadband (servizzi broadband ADSL, bil-cable, mobbli, mingħajr fili jew bis-satellita) u l-appoġġ għan-netwerks NGA ta' veloċità għolja ħafna (fl-istadju attwali, netwerks ibbażati fuq il-fajbers jew netwerks bil-cable avvanzati u aġġornati) u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jxerdu u jippromwovu l-aħjar prattiki u jżidu l-kompetizzjoni;
48. Jistieden lill-Kummissjoni – filwaqt li tqis li hi meħtieġa t-tlestija tas-suq intern għall-modalitajiet kollha ta' trasport – tippubblika rapport b'titwila lejn l-għajnuna statali kollha offruta lis-settur tat-trasport pubbliku;
49. Itenni l-appoġġ tiegħu għal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna statali għall-ħarsien ambjentali fil-qasam tat-trasport, li jgħinu biex tingħata spinta lis-sostenibilità tal-qasam tat-trasport Ewropew; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni ttejjeb il-karatteristika msejsa fuq l-inċentiv tal-għajnuna statali awtorizzata fil-qasam tat-trasport;

Antitrust

50. Jilqa' l-pożizzjoni soda li ħadet il-Kummissjoni dwar l-imġiba antikompetittiva f'dawn l-aħħar snin;
51. Jilqa' bi pjaċir l-estensjoni tar-Regolament tal-Eżenzjoni Ġenerali Vertikali, peress li dan jiżgura bilanċ bejn il-manifatturi u d-distributuri; jirrimarka madankollu li l-Kummissjoni ma qisitx biżżejjed iċ-ċirkostanzi speċifiċi relatati mal-bejgħ fuq l-internet, b'mod partikolari fir-rigward tal-Aġenda Diġitali u fid-dawl tal-isforzi attwali tagħha biex tlesti għalkollox is-suq intern għall-kummerċ elettroniku;

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

52. Jirrimarka b'mod partikolari li, fid-dawl tal-miżuri ta' sorveljanza tas-suq segwiti b'ħalissa mill-Kummissjoni, l-ammissibilità skont il-leġiżlazzjoni antitrust tal-akkwisti konġunti minn distributuri kbar li joperaw fil-livell internazzjonali hija dibattibbli;

53. Jinnota madankollu li fil-prattika n-nuqqas ta' konformità ma' restrizzjonijiet temporanji tal-klawsoli tal-kompetizzjoni bl-ebda mod mhuwa rari, u jitlob lill-Kummissjoni toqgħod partikolarment attenta għal prattiki inaċċettabbli ta' dan it-tip;

54. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra, fil-qafas regolatorju integrat tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali, l-użu tal-leġiżlazzjoni tal-kompetizzjoni b'hal għodda biex jiġi evitat li jkun hemm abbuż tal-IPRs;

55. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-UE, biex tqis kif jixraq id-deċiżjonijiet tal-qradi nazzjonali fl-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni u għal dan il-għan tadotta l-miżuri neċessarji biex jintlaħaq dan l-oġettiv;

56. Ifakkar li l-kartelli jirrappreżentaw ksur mill-iktar serju tal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni; jemmaen li dan il-ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni jmur kontra l-interessi taċ-ċittadini tal-UE peress li l-konsumaturi ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn prezzijiet orħos;

57. Itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex fl-inizjattivi tagħha ttejjeb il-koordinazzjoni bejn l-approċċ skont il-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni u ieħor skont il-leġiżlazzjoni dwar il-konsumatur;

58. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina l-effetti fuq il-kompetizzjoni ta' miżuri orjentati lejn l-aġir u l-konsegwenzi ta' dawn il-miżuri għall-klijenti u l-konsumaturi;

59. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, meta tivvaluta abbużi possibbli minn pożizzjonijiet dominanti, u ssib li l-pożizzjoni dominanti ma ġietx abbużata, tagħti ħarsa aktar mill-qrib lejn l-hekk imsejjaħ "trickle down economics", fejn il-popolazzjoni suppost li tgawdi indirettament minn benefiċċji magħmula lin-negozji;

60. Jemmaen li l-użu tal-istrument tal-multi li dejjem qed ikomplu jogħlew b'hal l-uniku strument antitrust jista' jkun goff wisq, l-aktar meta jitqies it-telf potenzjali ta' impjiegi li jista' jirriżulta mill-inkapaċità li jsiru ħlasijiet, u jitlob li tiġi żviluppata firxa usa' ta' strumenti aktar sofistikati, li jkopru kwistjonijiet b'ar-responsabilità individwali, it-trasparenza u r-responsabilità tal-kumpaniji, proċeduri iqsar, id-dritt għad-difiża u għal proċess ġust, il-mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-operazzjoni effikaċi tal-applikazzjonijiet għall-klemenza (b'mod partikolari biex tingħeleb l-interferenza kkawżata mill-proċessi ta' skoperta fl-Istati Uniti), il-programmi ta' konformità korporattiva u l-iżvilupp ta' standards Ewropej; jippreferi l-approċċ "tal-inċentiv u l-kastig", b'pieni li jservu b'hal deterrent effikaċi, b'mod partikolari għal dawk li jiksru l-liġi ripetutament, filwaqt li jħeġġeġ il-konformità;

61. Jitlob lill-Kummissjoni mill-ġdid biex, jekk dan ikun f'loku, tinkorpora l-bażi għall-kalkolu ta' multi u l-prinċipji l-ġodda dwar il-multi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1/2003;

62. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi investigazzjoni ġenerali rigward il-prezzijiet tal-minerali tal-ħadid;

Kontroll tal-mergers

63. Jenfasizza, aktar minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi, l-importanza li jiġu identifikati oqsma fejn tista' titnaqqas il-burokrazija żejda u fejn tista' tintlaħaq aktar konverġenza bejn ir-regoli nazzjonali u tal-UE applikabbli;

64. Jenfasizza li l-kriżi ekonomika attwali ma tiġġustifikax l-illaxkar tal-politiki tal-UE dwar il-kontroll tal-mergers;

65. Jenfasizza li l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għall-mergers għandha tiġi vvalutata mill-perspettiva tas-suq intern kollu kemm hu;

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

Żviluppi settorjali

66. Jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja l-iżviluppi fis-swieq tal-prodotti bażiċi wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2008 (paragrafu 40) u, fejn ikun xieraq, tindirizza l-ispekulazzjoni;

67. Jirrikonoxxi li l-konċentrazzjoni għolja fis-suq u n-nuqqas ta' trasparenza fis-swieq tal-prodotti bażiċi jistgħu jfixxlu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni u jaffettwaw b'mod negattiv l-industrija Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, teżamina s-swieq tal-prodotti bażiċi, bħal daww tal-minerali tal-ħadid u b'mod partikolari tal-erbatax-il materja prima importanti identifikati mill-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiġi stabbilit kemm dawn is-swieq jirrikjedu aktar trasparenza u kompetizzjoni, billi wħud minn dawn il-prodotti bażiċi huma ta' importanza fundamentali għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji ekoeffiċjenti (bħal pannelli fotovoltaiċi u l-batteriji tal-joni tal-litju);

68. Jafferma li t-trasparenza hija prerekwiżit essenzjali biex is-swieq finanzjarji jaħdmu sew; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel dak kollu li tista' biex tiżgura li d-data dwar is-swieq finanzjarji tkun żvelata f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE u, f'dan ir-rigward, jilqa' bi pjaċir l-inizjattivi biex jiġi evitat li jkun hemm abbuż tal-kodiċi ISIN u RIC għall-identifikazzjoni tat-titoli;

69. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tissorvelja s-SEPA (Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro) biex jiġi żgurat li s-sistema ta' pagamenti tkun aċċessibbli, mhux diskriminatorja, trasparenti u effiċjenti u ma tfixxkel bl-ebda mod il-kompetizzjoni; jitlob li jkun hemm sorveljanza mill-qrib tal-aspetti tas-sistema li jaffettwaw il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE;

70. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi biex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva fis-swieq tal-pagamenti bil-kards, bi qbil mal-prinċipji tas-SEPA, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-pagamenti transkonfinali u jiġi mmassimizzat il-potenzjal tas-suq intern; jitlob li jkun hemm sorveljanza sistematika tal-iżviluppi f'dawn is-swieq u li r-rapporti annwali dwar il-kompetizzjoni jinkludu indikaturi ta' progress f'dan ir-rigward;

71. Jemmen li l-ksur tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni fis-suq tal-karti ta' pagament ikollu effetti negattivi fuq il-konsumaturi; jappoġġa lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha kontra imposti ogħla mis-soltu ta' skambju multilaterali transkonfinali li jwasslu għal prezzijiet ogħla tal-prodotti għall-konsumaturi;

72. Jiddispjaċih li l-konsumaturi tal-enerġija fl-UE qegħdin ikomplu jbatu minħabba d-distorsjoni fis-suq tal-enerġija; jenfasizza li l-kompetizzjoni reali fis-swieq tal-enerġija twassal għal aktar innovazzjoni, għal provvista tal-enerġija aktar sikura u bi prezzijiet raġonevoli u għal anqas impatt fuq l-ambjent; josserva li ostakli persistenti fis-settur tal-enerġija jinkludu interkonnessjoni insuffiċjenti, nuqqas ta' trasparenza fis-sistema ta' trażmissjoni li biha l-operaturi jallokaw l-enerġija lill-produtturi, u definizzjonijiet differenti tal-kategoriji ta' riċevituri tas-servizz fost l-Istati Membri;

73. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tat-tielet pakkett tal-liberalizzazzjoni tal-enerġija mill-Istati Membri u tivvaluta l-effikaċja tiegħu għall-ħolqien ta' suq intern li jiffunzjona; ihegġegħ lill-Kummissjoni tibda inkjesta oħra dwar is-settur tal-enerġija jekk din il-valutazzjoni tasal għal konklużjoni negattiva;

74. Jenfasizza l-importanza partikolari tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjoni biex ikun hemm innovazzjoni, jiġi mmassimizzat il-potenzjal tal-ekonomija diġitali u tiġi żviluppata s-soċjetà tal-għarfen; iqis li huwa tal-akbar importanza li tiġi żgurata l-interoperabilità, li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-networks u li jinżammu s-swieq miftuħa biex l-operaturi ekonomiċi jikkompetu fuq il-bażi tal-mertu tal-prodotti tagħhom;

75. Ifakkar li l-konverġenza diġitali u l-importanza li kulma tmur qed tikber tal-interoperabilità u tal-istandards huma kwistjonijiet ewlenin għall-ICTs fl-ambjent globali li kulma jmur qed isir dejjem aktar interkonness; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li tiġi żgurata b'mod kontinwu l-kompetizzjoni ħielsa fil-qasam tal-ICT hekk kif prodotti u servizzi diġitali ġodda jidhru fis-suq; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tindirizza dawn il-kwistjonijiet fil-linji gwida imminenti dwar il-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali;

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

76. Jappoġġa l-miżuri tal-Kummissjoni li jinkoraġġixxu l-provvista ta' kopertura adegwata tal-broadband bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd għaċ-ċittadini Ewropej kollha u jistedinha tirdoppja l-isforzi tagħha biex iżżomm taħt kontroll it-tariffi tar-roaming transkonfinali għall-komunikazzjoni elettronika u biex tinkludi dettalji tal-progress f'dan ir-rigward fir-rapporti annwali tagħha dwar il-kompetizzjoni;

77. Jenfasizza r-rwol għdid u importanti tal-politika tal-kompetizzjoni fl-ekonomija diġitali; jitlob lill-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-iżviluppi teknoloġiċi fis-suq diġitali u tirreaġixxi malajr fejn meħtieġ biex iżżomm il-pjattaformi diġitali miftuħin kemm jista' jkun billi tapplika b'mod strett ir-regoli tal-kompetizzjoni;

78. Jenfasizza l-importanza li jiġi promoss suq diġitali intern; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza li jiġu promossi l-fiduċja tal-konsumaturi fis-servizzi online u l-aċċessibilità tagħhom, b'mod partikolari billi jittiejbu d-drittijiet tal-konsumaturi u l-ħarsien tal-informazzjoni privata u jitneħħew l-ostrakoli li għad fadal għall-kummerċ u għat-tranżazzjonijiet transkonfinali online;

79. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fis-settur tat-telekomunikazzjoni jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tagħha, sabiex titneħħa d-distorsjoni tal-kompetizzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri ulterjuri jekk ir-riżultati mistennija, jiġifieri prezzijiet orħos għall-konsumaturi, ma jintlaħqux;

80. Jinnota r-Regolament (KE) Nru 544/2009 dwar it-tariffi tar-roaming intra-Komunitarju, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2010, biex b'hekk għab lill-konsumaturi benefiċċji fil-forma ta' tnaqqis fil-prezzijiet għas-servizzi tar-roaming bil-vuċi jew bl-SMS; jirrimarka, madankollu, li l-kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming għadha ma żviluppax biżżejjed u li għad baqa' problemi strutturali; jitlob lill-Kummissjoni biex fl-eżami tagħha tal-2011 tipprevdi l-għażla li jitneħħew għalkollox id-drittijiet għar-roaming intra-UE;

81. Jiddispijaċi dwar il-każijiet ta' rkanti mhux trasparenti ta' frekwenzi mobbli ġodda tar-raba' ġenerazzjoni fxi Stati Membri; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja mill-qrib ħafna l-attivitajiet tal-Istati Membri f'dan ir-rigward u tobbliha lill-Istati Membri jwettqu analiżi bir-reqqa tal-impatt tad-deċiżjonijiet dwar l-ispettru fuq il-kompetizzjoni u tieħu miżuri xierqa biex tipprevjeni l-eżiti antikompetittivi bi qbil mad-Direttiva GSM emendata, biex b'hekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-parteċipanti fis-suq u għal dawk ġodda fis-suq;

82. Jirrikonoxxi l-Komunikazzjoni riveduta dwar ix-Xandir ta' Lulju 2009 li tafferma mill-għdid il-kompetenza tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-ambitu, il-finanzjament u l-organizzazzjoni tax-xandir tas-servizz pubbliku filwaqt li tirrikonoxxi r-responsabilità tal-Kummissjoni li tikkontrolla l-iżbalji ċari, u jistieden lill-Istati Membri jżommu bilanċ fost is-servizzi tal-midja diġitali offruti u biex jiżguraw il-kompetizzjoni ġusta, u b'hekk jinżamm ambjent medjatiku dinamiku fil-kuntest onlajn;

83. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-investigazzjonijiet tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna statali lis-settur tal-posta u tħaffef il-progress tagħhom;

84. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni akbar bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, biex jiżviluppaw mudell komuni għall-kompetizzjoni fis-suq tal-oġġetti tal-ikel – abbażi ta' skambju kontinwu ta' informazzjoni, l-identifikazzjoni bikrija ta' oqsma problematiċi u t-tqassim effiċjenti tal-kompiti bejn il-membri tan-netwerk Ewropew tal-kompetizzjoni – ladarba s-swieq tal-oġġetti tal-ikel x'aktarx huma limitati għal-livell nazzjonali u għandhom bosta karatteristiki legali, ekonomiċi u kulturali differenti;

85. Jenfasizza li din il-kooperazzjoni msaħħa għandha timmira lejn l-iżvilupp ta' approċċ koerenti f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni, is-sorveljanza u l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni, għall-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta u prestazzjoni ottimali tal-katina tal-provvista tal-oġġetti tal-ikel għall-għid tal-konsumaturi;

86. Huwa tal-fehma li, fil-kuntest tas-sorveljanza attwali tas-suq kummerċjali, il-Kummissjoni għandha tinvestiga operazzjonijiet internazzjonali ta' xiri konġunt billi l-vantaġġi ta' prezz li jiġġeneraw minħabba l-qawwa tagħhom fis-suq mhumix qed jingħaddew lill-konsumaturi fil-forma ta' prezzijiet orħos bl-imnut;

87. Ifakkar li l-Grupp ta' Livell Għoli, stabbilit f'Ottubru 2009 wara l-kriżi li heżżet lill-produtturi tal-ħalib, ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, li jikkonċernaw b'mod partikolari r-relazzjonijiet kuntrattwali u s-saħħa tal-produtturi fin-negozjati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taġixxi immedjatament biex tixpruna l-progress b'mod li jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE;

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

88. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, b'koperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, tħares aktar mill-qrib lejn il-kompetizzjoni fis-settur agroindustrijali f'termini ta' trasparenza u evoluzzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur; jitlob lill-Kummissjoni tipproduċi studju li jiffoka b'mod partikolari fuq l-effetti li għandhom il-fornituri ewlenin tal-ikel u d-distributuri bl-ingrossa fuq is-saħħa tas-suq, li jippermettullhom jinfluenzaw il-funzjonament tas-suq tal-ikel;

89. Itenni f'dan ir-rigward it-talbiet preċedenti tiegħu għal inkjesti speċifiċi għas-settur fir-rigward tar-reklamar fuq l-internet, is-'search engines' u l-industrija tal-ikel; jitlob li ssir inkjesta dwar il-konċentrazzjonijiet tal-midja, fosthom il-mezzi kollha għad-distribuzzjoni tal-kontenut, bħall-istampa, it-televiżjoni u r-radju, u l-internet; jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta analiżi tal-kompetizzjoni fis-setturi tat-telekomunikazzjoni u tal-karozzi;

90. Iqis li l-kompetizzjoni fis-settur tal-produzzjoni agrikola hija prekondizzjoni għal prezzijiet irħas għall-konsumaturi fil-pajjiżi Ewropej, u jhegġegħ lill-Kummissjoni tħares aktar mill-qrib lejn il-kompetizzjoni fis-settur agroindustrijali f'termini ta' appoġġ, trasparenza u evoluzzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur;

91. Jiddeplora n-nuqqas ta' progress fit-titjib tal-kompetizzjoni fis-settur farmaċewtiku, u jitlob lill-Kummissjoni għgħib 'il quddiem l-ikkompletar tas-suq intern tal-mediċini, pereżempju billi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) tingħata rwol akbar fil-każ ta' mediċini approvati ċentralment; jitlob lill-Kummissjoni tiġġieleed kontra l-abbużi possibbli permezz tal-prattiki sistematiki tat-tiġmigħ tal-privattivi li jdewmu d-dħul fis-suq tal-mediċini ġeneriċi u jirrestrinġu l-aċċess tal-pazjenti għal mediċini bi prezzijiet li jifilħu għalihom; ihegġegħ lill-Kummissjoni tieħu miżuri punitivi bi tweġiba għall-kampanji ta' informazzjoni qarrieqa kontra l-mediċini ġeneriċi;

92. Huwa tal-fehma li l-kompetizzjoni fil-qasam tas-saħħa tista' ttejjeb il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa, u b'hekk il-pazjenti Ewropej ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dan; jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja l-qasam tas-saħħa u, b'mod partikolari, il-kompetizzjoni bejn l-isptarijiet statali u dawk privati; jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga b'aktar reqqa l-każijiet fejn sptarijiet privati fpajjiżi fejn il-qasam tas-saħħa ġie lliberalizzat jilmentaw minn sussidji inkroċjati favur sptarijiet statali;

93. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tinholq u tkun immonitorjata l-kompetizzjoni ġusta intermodali u intramodali biex jinħolqu strutturi tariffarji u politiki ta' pprezzar trasparenti u ċari;

94. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-effetti fuq il-kompetizzjoni tal-modalitajiet differenti ta' trasport tal-assistenza sostanzjali mogħtija fl-aħħar snin lill-industrija awtomotiva, fost setturi oħrajn;

95. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza rigward l-allokazzjoni u l-użu effikaċi tal-islots, sabiex jiġi ggarantit li teżisti kompetizzjoni vera fil-qasam tal-avjazzjoni;

96. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti deskrizzjoni tal-każijiet li fihom il-linji tal-ajru "low cost" ilhom jibbenefikaw mill-għajnuna statali vis-à-vis linji oħrajn permezz ta' kondizzjonijiet speċjali mogħtija lillhom meta jagħmlu użu minn ċerti ajruporti, għal aktar mill-perjodu ta' tliet snin preskritt għall-għajnuna inizjali għall-kumpaniji tal-ajru;

97. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm limitu, kif jixraq, għas-sehem mis-suq tal-konsorzji marittimi tal-linji tal-kontejners u li jeħtieġ ikun hemm kondivizzjoni tal-vantaġġi operazzjonali – kemm għas-servizzi marittimi kif ukoll għal dawk tal-hinterland – skont ir-regoli ġenerali tal-UE dwar il-kompetizzjoni ġusta u soġġett għall-kondizzjonijiet imniżżlin fir-Regolament (KE) Nru 906/2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li tkun żgurata l-koperazzjoni operazzjonali bil-għan li jkun hemm il-provvista konġunta tas-servizzi tal-linji tal-bastimenti merkantili, bl-iskop tas-salvagwardja tal-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi tal-ġarr tal-merkanzija;

98. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-ikkompletar tas-suq intern għat-trasport u l-kompetizzjoni aktar ġusta fil-qasam tat-trasport, filwaqt li jqisu b'mod xieraq l-oġettivi l-oħrajn tal-politika tal-Unjoni Ewropea, bħalma huma s-servizzi tat-trasport u l-mobilità li jkunu jaħdmu tajjeb, l-oġettivi tal-politika fl-oqsma tas-servizzi pubbliċi, is-sigurtà u l-protezzjoni tal-ambjent, u l-miri tal-UE għall-2020 dwar l-emissjonijiet ta' CO₂ u d-dipendenza miż-żejt;

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011

99. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarrantixxu opportunitajiet indaqs kemm għad-diversi modalitajiet ta' trasport kif ukoll għall-kumpaniji pubbliċi u privati f'kull modalità;

100. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm aktar trasparenza fir-relazzjoni bejn l-Istat u l-kumpaniji ferrovjarji pubbliċi, inklużi s-sussidjarji tagħhom għat-trasport stradali, kif ukoll fit-trasferiment ta' fondi;

101. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti ħarsa ġenerali lejn it-tassazzjoni, l-imposti, il-finanzjament u l-ħlas ta' drittijiet infrastrutturali u sistemi ta' VAT għall-modi ta' trasport differenti u għall-Istati Membri individwali u għall-effetti tagħhom fuq il-kompetizzjoni intermodali u intramodali, u tistipula, f'din il-ħarsa ġenerali, l-effett tal-ammont illimitat u obbligatorju ċċarġjat għall-użu tal-ferroviji meta jitqabbel mal-ammont mhux obbligatorju u limitat iċċarġjat għall-użu tal-infrastruttura stradali;

102. Jistieden lill-Kummissjoni, hi u tgħarbel il-leġiżlazzjoni dwar jeddijiet il-passiġġieri u r-rimborżi għad-dewmien, tiggarrantixxi skemi ġusti u ekwi ta' kumpens għad-dewmien fil-modi kollha ta' trasport u t-twaqqif ta' korpi indipendenti ta' arbitraġġ bejn l-operaturi u l-klijenti;

103. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tkun evitata l-kompetizzjoni inġusta fis-settur tat-trasport stradali liberalizzat billi jkun hemm garanziji li r-regoli soċjali, ambjentali u ta' sigurtà jkunu applikati b'mod xieraq, billi tingħata attenzjoni speċjali lill-ftuħ ta' dan is-suq kemm għal prattiki ta' kabotaġġ kif ukoll ta' dumping;

104. Jitlob lill-Kummissjoni taħdem biex tikkompleta s-suq intern tat-trasport ferrovjarju permezz tal-ftuħ tas-swieq nazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri; jerġa' jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex, fil-perjodu tranżitorji, tippromuwi klawnsola ta' reċiproċità għal daww l-Istati Membri li jiddeċiedu li jiftħu swieqhom qabel iż-żmien;

105. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ostakli indiretti għall-kompetizzjoni li joriġinaw mid-disparitajiet, fil-qasam tat-trasport, fir-regoli dwar is-sikurezza, l-interoperabilità u l-approvazzjoni tat-tip;

106. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu ħsieb jiżguraw, permezz tad-deċiżjonijiet li jittieħdu kemm fl-ivell nazzjonali kif ukoll fl-ivell tal-UE, l-implimentazzjoni koeżiva u armonizzata tar-regoli tal-liġi tal-kompetizzjoni fil-qasam ferrovjarju; jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa ta' koeżjoni bejn l-awtoritajiet (regolaturi) superviżorji ferrovjarji u l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej tal-kompetizzjoni;

107. Jappoġġa b'mod sod il-ħolqien ta' privattiva tal-UE u mekkaniżmu wieħed għall-UE kollha kemm hi għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar il-privattivi biex jiġu trattati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kkawżati mid-dispożizzjonijiet preżenti dwar il-privattivi;

108. Jenfasizza li l-innovazzjoni xjentifika u teknoloġika, il-privattivi u l-industriji kulturali jikkontribwixxu immensament għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea; ihegġegħ lill-Istati Membri, għalhekk, biex isibu soluzzjoni malajr għall-kwistjonijiet pendenti li jirrigwardaw is-sistema tal-privattivi uniku tal-UE; għal din ir-raġuni jilqa' bi pjaċir, kif stipulat fl-Inizjattiva Ewlenija tal-Unjoni għall-Innovazzjoni tal-Ewropa 2020, l-oġettiv li l-ewwel privattivi tal-UE jingħataw fl-2014;

109. Itenni li l-kompetittività tal-UE tiddependi ħafna mill-kapaċità ta' innovazzjoni, mir-riċerka u l-faċilitajiet ta' żvilupp u mir-rabta bejn l-innovazzjoni u l-proċess tal-manifattura;

110. Jenfasizza s-sehem ewleni li għandha r-riċerka fit-titjib tal-kompetittività Ewropea; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-mira ta' 3 % għall-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp tintlaħaq;

*

* *

111. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.